MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 89/2005

**Fenech Xavier**

**vs**

**Fenech Dominic**

It-Tribunal:

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) dovuti ghal xoghol u materjal fuq partition tal-aluminium li sar fua in karigu tieghek Domenic Fenech.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjes tal-ittra interpellatorja tat-23 t'Awissu 2005 u tal-ittra ufficjali ta' Settembru 2005."

Ra r-risposta li tghid hekk :

“ 1. Illipreliminarjament, l-esponenti qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi xoghol u materjal fuq partition ta’ aluminium sar mill-attur aktar minn sitt snin ilu;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hu dovut xejn lill-attur u dan peress illi l-attur thallas tax-xoghol maghmul minnu anki permezz ta’ tpacija ma’ ammont dovuti mill-attur ghal xoghol ta; riparazzjoni illi l-esponenti ghamel fuq il-vettura tal-attur Trakk Izuzu double wheeler bin-numru ta’ registrazzjoni JAX 434, proprjeta’ tal-attur, kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema l-provi

Ikkunsidra:

L-ewwel eccezzjoni giet deciza permezz ta’ sentenza ta’ dan it-Tribunal tat-30 ta’ Marzu 2006 u ghalhekk jonqos li tigi deciza l-eccezzjoni fil-mertu, u cioe’ dik tat-tpacija.

In sostenn tat-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut stqarr bil-gurament tieghu li kontemporanjament max-xoghol tal-aluminium maghmul lilu mill-attur – li jigi huh – huwa ghamel xoghol fuq il-brejkijiet ta’ vettura proprjeta’ tal-attur, u li l-partijiet kontendenti kienu ftiehmu li haga kellha tpatti ghall-ohra, tant li l-anqas biss semmew xi ammont ta’ hlas.

Kif inhu maghruf, fatt jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti, bhal dokumenti (Artikolu 627 et seq., Kapitolu 12) u xhieda (Artikolu 563 et seq., Kapitolu 12) u l-ammissjoni (Artikoli 693 sa 695 ta' l-istess Kapitolu 12), kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u anke sahansitra permezz tal-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant. Il-principju tal-piz tal-prova ma jfisserx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt, kostituttiv ta' dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata

eskluzivament minn prova wahda, u dik biss. Hu sew maghruf illi wiehed jista' jutilizza elementi ohra probatorji akkwiziti mill-process. Fl-ordinament guridiku taghna, kif gja fuq espress, ivigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b' kull mod purke dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta' xi prova fornita mill-kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proceduri tipprova u ssostni l-fatt li hu ghab-bazi tad-dritt taghha – ***Iris Dalmas vs Monsinjur Joseph Dalmas et – Qorti tal-Appell, Onor. Philip Sciberras 12 ta' Jannar 2005.***

Applikati suesposti principji ghall-kaz prezenti, it-Tribunal innota li d-deposizzjoni guramentata tal-konvenut fuq iccitata ma giet bl-ebda mod smentita mill-attur, li mhux biss naqas milli jikkontro-ezamina lill-konvenut f'dan ir-rigward imma talli meta xehed, l-anqas cahad l-allegazzjoni *de quo* maghmula mill-konvenut, u ghalhekk ghandha titqies bhala ppruvata.  Barra minn hekk, din il-prova hija wkoll sa certu punt ikkorroborata bil-provi indizjarji li ressaq il-konvenut, permezz ta' dokumenti, li jindikaw li  huwa  jaghmel, jew almenu ghal xi zmien kien jaghmel,  xoghol ta' tiswija fuq fil-vetturi, kif ukoll il-fatt li ricentement inqala' xi tilwim bejn il-kontendenti rigward il-wirt ta' missierhom u kien dan li nduca lill-attur jiftah kawza kontra huh il-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jiddikjara li x-xoghol ezegwit mill-attur u li tieghu qieghed jitlob il-hlas permezz tal-avviz tat-talba gie pacut minn xoghol iehor esegwit mill-konvenut fuq inkariku tal-attur u konsegwentement jichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------